**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 42 - L-ERBGĦA 22 TA' ĠUNJU 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:52.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi-Sindku |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier (permezz ta' zoom) |
| Assenti b'apoloġija | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

*Is-Sindku infurmat lill-pubbliku inġenerali li d-data tal-laqgħa li kellha ssir fit-30 ta' Ġunju kellha tinbidel minħabba raġunijiet ta' safar tal-Kunsill stess. Il-Kunsillieri kienu għalhekk qablu kollha li l-laqgħa ssir fit-22 ta' Ġunju.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Kunsillier Brincat u oħra mingħand il-Kunsillier Abela li taw ir-raġuni għalfejn ma setgħux jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata. Informa wkoll li l-Kunsillier Gaffiero se jingħaqad mal-laqgħa b'mod virtwali.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 41 li saret l-Erbgħa 25 ta' Mejju 2022.** Dawn kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-minuti ġew approvati (*nem con*) wara proposta mill-Kunsillier Deguara ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

2.3 *Arising* minn para. 3.7 dwar laqgħa mal-Ministru tal-Isports - Is-Sindku saqsiet lis-SE dwar meta l-laqgħa hija skedata. Is-SE nfurmaha li kien għad m'għandux data oħra u għalhekk se jerġa jibgħat tfakkira għal data oħra.

2.4 *Arising* minn para. 3.8 dwar il-billboard propost minn Naxxar Lions FC – Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-kwotazzjoni tal-billboard u viżwal mingħand in-Naxxar Lions Football Club. Is-SE informa li din intbgħatet lill-Kunsillieri kollha. Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi tiġi diskussa l-ispazju tal-art u bl-informazzjoni li jkollu s-Segretarju Eżekuttiv tiġi deċiża kif se tkun taffetwa lil Kunsill kif ukoll lir-residenti.

2.5 *Arising* minn para. 3.9 dwar l-outdoor gym – Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mal-kuntratturi kollha involuti fejn preżenti kien hemm il-Perit tal-Kunsill kif ukoll uffiċjal mill-amministrazzjoni. Il-kuntratturi kollha ddiskutew kif se jikkordinaw ix-xogħol li fadal ta' installazzjoni tat-tagħmir, *soft flooring,* dwal eċċ. Hi infurmat ukoll li s-sejħa tal-offerti tal-apparat tad-dawl se jagħlqu l-Ġimgħa l-24 ta' Ġunju.

2.6 *Arising* minn para. 3.13 dwar Ġnien Santa Marija tal-Anġli – Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-Ministru responsabbli l-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi fejn iltaqgħet mal-Perit u l-Inġinier il-ġdid li qed jieħdu ħsieb il-proġett. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li se jinbidlu ħafna mill-affarijiet dawn jinkludu t-tagħmir tal-logħob tat-tfal u l-funtana. Fis-7 ta' Lulju se ssir laqgħa ġewwa l-ġnien fejn se jkun hemm preżenti l-Kunsillieri Cuomo u Spiteri.

2.7 *Arising* minn para. 3.15 tal-minuti preċedenti – Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mal-Kumitat tal-festa u l-pulizija rigward il-festa. L-Ispettur tal-pulizija infurmat li se tiltaqa' mal-Każini ukoll.

2.8 *Arising* minn para. 10.2 dwar Pjazza għall-Pubbliku – Is-Sindku staqsiet lis-SE jekk intbgħatitx korrispondenza min-naħa tal-Kunsill sabiex isir il-laqgħa mal-ħwienet. Is-SE irrisponda li s'issa għadha ma nbagħtitx minħabba li għadha qed issir diskussjoni interna dwar id-dettalji loġistiċi tal-għeluq biex fil-laqgħa l-Kunsill ikollu l-ħsibijiet kollha lesti. Is-Sindku esprimiet ix-xewqa li sal-laqgħa li jmiss tintbgħat l-ittra.

2.9 *Arising* minn para. 11.5 dwar il-ftuħ taż-żona fi Triq Xatt il-Palm minn IM – Is-Sindku infurmat li l-Kunsill bgħat lil Infrastructure Malta biex jirranġa l-bankina kif kienet pero' l-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li l-parkeġġ ma nfetaħx għall-benefiċċju tar-residenti għaliex matul il-ġimgħa ma jkunx hemm vetturi pparkjati hlief xi waħda. Fil-Festi, Sibtijiet u Ħdud qed ikun hemm vetturi pparkjati kif ukoll *caravans.* Hi ssuġeriet li l-parkeġġ għandu jingħalaq minn naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Professur Charles Mifsud, mill-Fakulta tal-Edukazzjoni tal-Università fejn ġie diskuss biex isir proġett pilota ġewwa l-iskola Primarja. Is-Sindku organizzat laqgħa bejn is-Surmast tal-Iskola u l-Kunsillier Gatt sabiex jiddiskutu dan il-proġett. Is-Sindku stiednet lill-Kunsillier Gatt biex jinforma x'ġie diskuss waqt il-laqgħa.

3.2.1 Il-Kunsillier Gatt spjega li l-proġett hu interressanti fejn jagħqqad l-artisti. Min-naħa tagħhom jixtieqx li l-Kunsill jgħin biex jibgħatilhom il-kuntatti tal-artisti lokali kif ukoll jgħin fil-pubbliċità.

3.2.2 Is-Sindku staqsiet dwar il-preparamenti li qed isiru fuq il-mobility week lill-Kunsillieri Gatt u Deguara. Il-Kunsillier Gatt informa li għaddejjin taħdidiet bejniethom. Is-SE informa li jsir *flyer* minn naħa tal-Kunsill fejn ikun jista' jitqassam lill-istudenti qabel jibdew il-vaganzi tas-Sajf.

3.3 Hi infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Jorge Sicot minn Flimkien għal Ambjent Aħjar fejn ġie diskuss proġett ta' afforestazzjoni. Is-Sur Sicot kellu jkellem lill-Ministru responsabbli mit-tħaddir u l-ispazji miftuħa. Hu għandu jikkomunika mas-Sindku rigward x'ġie diskuss fil-laqgħa mal-Ministru. Is-Sur Sicot għandu jiltaqa' mal-Viċi Sindku li hu responsabbli mill-ambjent. Is-Sindku għaddiet il-korrispondenza lil Viċi Sindku.

3.4 Fil-15 ta' Ġunju kellha laqgħa tar-Reġjun Tramuntana.

3.5 Is-Sindku infurmat li kellha seduta tal-PA fuq PA 04988/21 rigward *Temporary Caravan Site.* Is-Sindku infurmat lill-Bord li l-Kunsill qed jaħdem fuq il-*Bye Law*. Il-PA informa li se jkun hemm *mobile toilets* fis-sit. Is-Sindku wieġbet waqt is-seduta li l-Kunsill ma jaqbilx fuq dan minħabba li fuq il-pjanti dawn mhux imniżżlin. Il-PA aġġornaw is-seduta għal data oħra sabiex jiġu ppreżentati l-pjanti bil-*mobile toilets*. Is-SE saqsa dwar il-kelma temporanja x'riedu jfissru biha. Is-Sindku wieġbet li l-użu tal-art hija temporanja għal ħames snin. Is-SE wera l-pjanti lill-Kunsillieri preżenti kif ukoll bagħatilhom ir-rapport tal-uffiċjal kif ukoll l-oġġezzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gatt ipproponew li ssir konferenza stampa kontra din l-applikazzjoni fis-sit in kwistjoni ġimgħa qabel is-seduta li jmiss li se ssir fil-15 ta' Lulju. Dwar id-data tal-konferenza stampa l-Kunsillieri se jiġu infurmati aktar 'il quddiem. Il-Kunsill qabel unanimament.

*3.6* Saret konferenza organizzata mill-MHRA rigward il-*Climate Change* fejn għaliha attendiet il-Kunsillier Cuomo. Is-Sindku stiednet lil Kunsillier Cuomo biex tinforma x'ġie diskuss.

3.6.1 Il-Kunsillier Cuomo infurmat li l-konferenza kienet interressanti u ltaqgħet ma' Sindku mit-Turkija. Hi proponiet li ssir ġemellaġġ fejn il-Kunsill itella' r-resident it-Turkija u wara jiġu huma fil-lokalità tan-Naxxar.

*3.7* Fit-18 ta' Ġunju saret laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Preżenti għal din il-laqgħa mas-Sindku kien hemm il-Kunsillier Cuomo.

*3.8* Hi infurmat li l-Majjistral Action Group Foundation ikkummissjonaw skultura biex titpoġġa fin-Naxxar bħala tifkira tal-proġett *The Importance of Forests & Woodlands within a Climate Change.* Din l-iskultura se titpoġġa ġewwa Ġnien il-Ħaddieda. Il-bażi tal-iskultura se ssir mill-fondi tal-Kunsill. Din se tiġi nawgurata nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Cuomo se jattendu għal din l-okkażjoni filwaqt li kulħadd hu mistieden li jattendi. Is-Sindku u l-Kunsillier Gatt, flimkien mas-SE se jkunu imsifrin.

*3.9* Is-Sindku infurmat li se ssejjaħ lil Kunsillieri kollha fix-xahar ta' Lulju biex tiddiskuti magħhom ir-responsabilitajiet tagħhom.

*3.10* Is-Sindku infurmat li l-permess tal-PA tal-ġnien ta' Lower Labour Avenue ġie approvat.

*3.11* Hi infurmat li l-art maġenb il-Mitħna fejn se terġa tinbena l-kamra tat-terzi persuni ġiet approvata mill-PA

**4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI**

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/42) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Mejju anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' ta' Mejju anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' April anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con)* wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

5.3 Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena u spjega r-rapport fid-dettal anness f'appendiċi E.

5.4 Il-Kunsill approva r-rapport (*nem con*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Viċi Sindku.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022 (anness f'appendiċi F).

6.2 Is-SE informa lill-Kunsill li l-minuti ta' dan il-Kumitat intbgħatu dak in-nhar stess minħabba li l-Kumitat iltaqa' ġurnata qabel.

6.3 Is-SE qara l-minuti.

6.4 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo. .

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022 (anness f'appendiċi Ġ).

7.2 Is-SE informa lil-Kunsill li l-minuti ta' dan il-Kumitat intbgħatu dak in-nhar stess minħabba li l-Kumitat iltaqa' ġurnata qabel.

7.3 Is-SE qara l-minuti.

7.4 Il-Viċi Sindku tkellem dwar ilment numru 11821 fejn issuġerixxa li minħabba li l-ammont ta' vetturi eletriċi qed jiżdied, il-Kunsill jikteb lil Ministru konċernat. Dawk il-parkeġġi għal vetturi elettriċi jkunu għall-pubbliku u mhux ikunu amministrati minn kumpanija privata.

7.5 Il-Kunsill approva dawn il-minuti wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

8. **MOZZJONI DWAR SKIPS**

8.1 Is-Sindku ressqet il-mozzjoni (anness f'appendiċi G).

8.2 Il-Kunsill qabel li jiġu infurmati l-kuntratturi tal-*skips* rigward din il-mozzjoni.

8.3 Is-SE informa li se jagħmel punti biex tiġi reveduta l-*bye law* li hemm fis-seħħ bħalissa. Il-Kunsill qabel.

8.4 Il-Kunsill approva l-mozzjoni fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Viċi Sindku.

9. **PA 04964/20**

*9.1* Is-SE spjega li permezz ta' din l-applikazzjoni l-profil tal-*landfill* tal-Għallis se jinbidel. Hu wera r-rapporti u r-ritratti lill-Kunsillieri preżenti kif ukoll bagħat il-korrispondenza lill-Kunsillieri kollha.

9.2 Is-SE informa li s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali hu konċernat rigward il-viżwalità tal-għoli. L-ERA se jgħaddu l-kummenti tagħhom wara li jaraw r-rapport tal- *Environmental Impact Assessment* (EIA).

9.3 Il-Kunsill qabel li bħala risposta għandha tkun li l-Kunsill ma jaqbilx li dan la għandu jgħola u lanqas jitwessa għalhekk per prinċipju l-Kunsill kontra kull estezjoni tal-inġinier *landfill*. Għalhekk fuq dan il-każ il-Kunsill qed jirreservja l-opinjoni tiegħu sakemm jirċievi l-EIA.

10. **EA 00018/21 – IT-TIENI INTERCONNECTOR ELETTRIKU BEJN MALTA U L-ITALJA – KONSULTAZZJONI DWAR TERMINI TA' RIFERENZA**

10.1 Is-SE informa li kien bagħat lill-Kunsillieri l-*Project Description Statement* u kif ukoll il-kummenti tal-ADI fejn daħħlu ħafna fid-dettal.

10.2 Il-Kunsill qabel mal-konsulenti.

10.3 Is-SE informa li min ried jgħaddi l-kummenti tiegħu għandu jagħmel dan sa mhux aktar minn nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju minħabba li s-SE irid jibgħat il-kummenti tal-Kunsill.

11. **L-ATTIVITÀ TAD-DONAZZJONIJIET LILL-COMMUNITY CHEST FUND**

11.1 Is-SE informa li l-Kunsill rċieva korrispondenza mingħand il-Banda Peace fejn urew ix-xewqa li din is-sena l-attività ssir ġewwa l-Każin tagħhom minħabba li jaħbat il-160 anniversarju tas-Soċjetà.

11.2 Is-SE informa li din is-sena kien imiss il-Banda Vittorja jospita din l-attività.

11.3 Il-Kunsill qabel li jżomm mal-lista li għandu l-Kunsill u min ikun irid ibiddel, ikun irid jiftiehem hu ma min imissu. Il-Kunsill qabel unanimament.

12. **TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

12.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 20 ta' Lulju 2022 fis-17:45.

12.2 Il-Laqgħa ntemmet fit-19:54

*Iffirmati* | *iffirmati*

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)**

**SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV**